MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 587/2009

**Philip Grima (bil-karta tal-identita' numru 454224M) u martu Georgina Grima (bil-karta tal-identita' numru 320637M)**

**VS**

**Joseph Caruana (bil-karta tal-identita' numru 598662M) u martu Catherine Caruana (bil-karta tal-identita' numru 173366M) u Raymond Caruana (bil-karta tal-identita' numru 693056M) u martu Carmen Caruana (bil-karta tal-identita' numru 135759M)**

**Il-Qorti :**

Rat l-att tar-rikors mressaq fis-16 ta'Gunju 2009, ta' Philip Grima (bil-karta tal-identita' numru 454224M) u martu Georgina Grima (bil-karta tal-identita' numru 320637M) li jaqra hekk:

*"Illi r-rikorrenti huma propjetarji tal-plot formanti parti mir-raba' msejha 'Tal-Wilga' sive 'Tal-Fundar' f'Marsaxlokk tal-kejl ta'circa mitejn u tlettax punt tlieta qasab kwadri (213.3 qk) ekwivalenti ghal disa' mija sitta u tletin punt sitta tnejn metri kwadri (936.62mk), tmiss mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mill-Lbic ma'passagg li jaghti access ghall-plot, u mix-Xlokk ma' propjeta' ta'Arnold u Selina konjugi Hodgron jew aventi kawza minnhom, jew irjiehat datat il-31 ta' Jannar, 1981 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar u l-pjanta, annessa mal-istess kuntratt, liema plot hija mmarkata bl-ittra 'A' u delineata bil-kulur ahmar fuq l-istess pjanta, kopja taghhom qieghda tigi hawn annessa u mmarkata 'Dok.A' u 'Dok.B' rispettivament;*

*Illi l-intimati huma propjetarji tal-plot kontigwu formanti parti mir-raba' msejha 'tal-Wilga' sive 'Tal-Fundar' tal-kejl ta'circa elf tmien mija u wiehed u sebghin metri kwadri (1871mk), tmiss mill-Lbic mal-kosta, mit-Tramuntana mal-propjeta' tar-rikorrenti u mill-Punent mal-kosta, liema plot hija mmarkata bl-ittra 'B' fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata 'Dok.B';*

*Illi kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-intimati invadew u okkupaw l-art propjeta' tar-rikorrenti u dan klandestinament u minghajr il-kunsens tar-rikorrenti;*

*Illi l-intimati gew interpellati b'ittra ufficjali tat-2 t'April, 2008 sabiex jiehdu passi idoneji kollha sabiex jergghu jirrintegraw lir-rikorrenti fit-tgawdija assoluta tal-propjeta' taghhom hawn imsemmija;*

*Illi r-rikorrenti jafu bil-fatti fuq imsemmi personalment;*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddkjara illi r-rikorrenti huma l-legittimi propjetarji tal-porzjon ta' art kif deliminata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta 'Dok.B', illi l-intiamti invadew in parti u fuqha bnew l-hajt imsemmi;*

2. *Tiddikjara illi l-intimati abbusivament u illegalment qabdu u okkupaw parti sostanzjali tal-porzjon ta' art appartenenti lir-rikkorrenti kif jigi stabbilit minn dana l-Onorabbli Qorti u b'hekk ukoll ivvjolaw id-dritt tat-tgawdija li r-rikorrenti kienu jgawdu fuq l-istess art propjeta' taghhom;*

3. *Tistabilixxi jekk hemm bzonn il-linja divizorja bejn il-propjeta tar-rikorrenti u dik tal-intimati, u dan permezz u taht supervizjoni ta' perit jew periti li ghandhom jigi nominati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

4. *Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti jizgumbraw u jilliberaw il-propjeta minnhom invaza appartenenti lir-rikorrenti u jirrintegraw lir-rikorrenti fid-drittijiet ta'propjeta' fuq l-istess art appartenenti lir-rikorrenti;*

5. *Fin-nuqqas li l-intimati jadempixxu ruhhom mal-kundanna skond it-talbiet precedenti, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex a spejjez tal-intimati u taht is-supervizjoni ta'perit nominat minn dina l-Onorabbli Qorti jirreintegraw il-propjeta' tar-rikorrenti u jiddemolixxu l-hajt fuq imsemmi.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 t'April, 2008 kontra l-intimati li huma ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors guramentat;

Rat li l-atti tar-rikors guramentat u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' Joseph Caruana (bil-Karta tal-Identita' Numru 598662M) u martu Catherine Caruana (bil-Karta tal-Identita' Numru 173366M) u Raymond Caruana (bil-Karta tal-Identita' Numru 693056M) u martu Carmen Caruana (bil-Karta tal-Identita' Numru 1355759M) tas-7 t'Awwissu 2009 li taqra hekk :

1. *"Illi fl-ewwel lok l-atturi ghandhom jiddikjaraw fuq liema provvediment/i tal-ligi huma qeghdin isjesu l-azzjoni minnhom istitwita.*

2. *Illi, konsegwentement, l-atturi ghandhom jiddikjaraw in-natura tal-azzjoni li qed jintentaw u cioe' jekk hix l-actio rei vendicatoria, l-actio spolii, 1-actio finium regundorurn jew xi forma t'azzjoni ohra petitorja jew possessorja.*

3. *Illi, sussidjarjament u bla ebda pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni intentata mill-atturi hija wahda irritwali stante illi hemm konfuzjoni ta' talbiet li ghandhom min-natura t'azzjonijiet petitorji m'ohrajn bi ghandhom min-natura t 'azzjonijiet possessorji.*

4. *Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi r-rispondneti ghandhom titilu validu fuq 1-art mertu ta' din il-kawza.*

5. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri li jistghu jigu konsentiti minn din l- Onorabbli Qorti partikolarment in vista tal-ewwel zewg eccezzjonijiet."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-17 ta' Novembru 2009 illi bih gie nominat l-Perit Tekniku , l-Perit Godwin Abela (a fol. 17) ;

Rat id-digriet tad-9 ta' Marzu 2010 li bih il-Qorti kif diversament preseduta laqghet it-talba tar-Rikors tal-Perit Tekniku Godwin Abela, sabiex tinnomina lil Randolph Camilleri Surveyors Limited , sabiex jaghmlu *survey* (a fol. 32);

Rat ir-relazzjoni minnhom prezentata fis-27 ta'Jannar 2011 u mahlufa fl-20 ta' Gunju 2011 mill-Perit Godwin Abela, u 27 ta'Settembru 2011 mill-*land surveyor* Joseph Randolph Camilleri;

Rat id-dokument ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda prodotta mill-atturi, jirrizulta illi n-Nutar Dott. Cora Vella, a fol. 77, pprezentat kopja ta'kuntratt Dok CV1 datat 30 ta'Settembru 1973 fl-atti tan-Nutar Dott. Carmelo Lia.

Dott. Alexia Aquilina, a fol. 92, ipprezentat kopja tal-pjanta Dok AA1, li tinsab a fol. 94 liema pjanta kienet tinstab a fol. 77 tal-process fl-atti tal-kawza numru 410/70 fl-ismijiet, "John Micallef vs Ludovico Bianco".

In-Nutar Dott. Herbert Cassar, ipprezenta kopja ta'kuntratt Dok HC1 datat 31 ta'Jannar 1981 fl-atti tieghu. Dan il-kuntratt jinsab minn fol. 95 sa 97 bil-pjanta anessa Dok. HC1 a fol. 98.

Permezz tan-nota tieghu 11 ta' Frar 2011 Philip Grima ipprezenta, kopja legali tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc datata 27 ta' Marzu 1972 fl-ismijet "John Micallef nomine vs Ludovico Bianco et".

Fl-affidavit tieghu l-attur Philip Grima, a fol. 42 et seq, sostna illi fis-sena 1981, kien xtara l-art maghrufa bhala Tal-Wilga fil-limiti ta'Marsaxlokk, liema art kellha kejl ta' disgha mija sitta u tletin (936) metri kwadri u ezebixxa l-kuntratt relevanti Dok. A , a fol. 5 et seq tal-process.

Huwa xhed illi f'1988 l-konvenuti Joseph u Raymond Caruana xtraw l-art konfinanti mieghu, permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Vanessa Poole datat 17 t'April 1998. L-art akkwistata hija indikata bhala Plot B u Plot C, fuq il-pjanta anessa mal-kuntratt taghhom.

Fit-18 ta' Gunju 1993 il-Gvern ta' Malta kien esproprija parti mill-art tal-attur ghal skopijiet pubblici, u dana gie pubblikat permezz ta' *Government Notice* numru 420, flimkien mal-pjanta L.D. 21/93 – vide Dok. E a fol. 46, u l-pjanta Dok.F.

Sas-sena 2000 ma kien hemm ebda movimenti li jindikaw xi invazjoni fuq l-art tieghu u ezebixxa *aerial photograph* Dok. I a fol. 50.

L-attur xhed illi wara s-sena 2000 kien mar fuq l-art u induna 1-konvenuti kienu invadewlu l-art u li ma setax jidhol minhabba li inbena hajt b'mod li kien kostrett jidhol minn go xatba minn fuq l-art tal-istess konvenuti; wiehed mill-konvenuti ammetta li kienu dahlu fl-art tieghu w pprometta li jerghu jirrangaw kollox.

Illi in segwitu tal- ittra ufficjali datata 23 ta' Settembru 2008, il-konvenuti offrewlu kumpens biex izommu l-art li invadew. L-attur irrifjuta din l-offerta.

L-attur kompla jixhed illi 1-konvenuti ghollew il-hajt tas-sejjieh tas-sqaq li jikkonfina l-art tieghu fuq il-punent u li ghamlu tlett fethiet ghal gol-art tieghu minn dan l-isqaq. Di piu' il-konvenuti bnew xi kmamar, li parti minnhom kienu fuq l-art tal-attur w li l-access ghalihom kien qieghed minn fuq l-art tal-istess attur.

L-attur sostna illi huwa ried li l-art terga tigi riprestinata ghal kif kienet meta kien akkwistaha.

Illi skond il-kuntratt a fol 5 sa 7 , datat 31 ta'Jannar 1981 fl-atti tan-Nutar Herbert Cassar,1-attur akkwista minghand Stanley Matthews, bicc' art maghrufa bhala Tal-Wilga,

f'Marsaxlokk, tal-kejl ta'cirka disgha mija sitta u tletin punt tnejn u sittin (936.62) metri kwadri, tikkonfina mit-Tramuntana ma triq pubblika, mill-Bic ,ma passagg li jaghti ghal din l-art u ghal artijiet adjacenti, kien hemm pjanta annessa ma'dan l-att li gietipprezentata.

Illi jirrizulta illi l-kuntratt Dok. CV1,a fol. 79 et seq, datat 30 ta'Ottubru 1973 fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia, sar b'ordni tal-Qorti, in segwitu ghall-sentenza moghtija fil-kawza "John Micallef noe vs Ludovico Bianco et" u wara rapport u qasma peritali mill-espert tal-Qorti l-Perit Richard Aquilina li, wara li kejjel l-ghalqa maghrufa bhala Tal-Wilga, limiti ta'Marsaxlokk, tal-kejl ta' sitt mija tmienja u sebghin punt disgha (678.9) qasab kwadri jew elfejn, disa' mija wiehed u tmenini (2,981) metri kwadri, konfinanti mill-Bic max-xatt tal-bahar, minn Nofsinhar ma propjeta ta'Angelo Grima u mit-Tramuntana ma triq, il-Perit qasam din l-ghalqa fi tlett porzjonijiet ugwali ta' mitejn u tlettax punt tlieta (213.3) qasab kwadri jew disgha mija sitta u tletin punt sitta (936.6) metri kwadri kull porzjon u halla passagg komuni tal-kejl ta'disgha u tletin (39) qasab kwadri jew mija wiehed u sebghin punt hamsa u ghoxrin (171.25) metri kwadri fin-naha ta'max-xatt tal-bahar sabiex ikun hemm access ghall-porzjonijiet kollha. Il-Porzjon A gie assenjat lil Stanley Matthews waqt li l-Porzjionijet B u C gew assenjati lil konjugi Hodgson.

Illi skond il-kuntratt datat 17 ta'April 1998 fl-atti tan-Nutar Dott. Vanessa Pool, il-konvenuti ahwa Joseph u Raymond Caruana akkwistaw il-porzjonijiet B u C tal-art maghrufa bhala Tal-Wilga fil-limiti ta'Marsaxlokk li kienu gew assenjati lill-konjugi Hodgson fid-divizjoni hawn fuq deskritta.

**Ikkonsidrat:**

Illi il-Perit Godwin Abela flimkien mas-*surveyor* Randolf Camilleri ipprezentaw u halfu r-relazzjoni taghhom u indikaw illi l-pjanta Dok. A, a fol. 74 anessa mar-rapport turi 1-istampa cara ta'kif tinsab l-art in kwistjoni fil-prezent.

Illi fil-pjanta Dok B anness ma dan ir-rapport, l-Periti issovvraponew l-pjanta tal-qasma annessa mal-kuntratt ta'divizjoni fuq is-*survey* u anke fuq is-*survey* ufficjali **b'dan illi l-kmamar fuq l-art in kwistjoni w anke dik fil-kantuniera tal-isqaq qablu perfettament**. Il-periti indikaw illi l-konfini tal-porzjon tal-attur kien muri bil-kulur blu waqt li l-porzjon tal-konvenuti kien muri bil-kulur l-ahdar, il-passagg komuni muri bl-arancjo.

Illi l-Periti sostnew *"illi dan l-ezercizzju jindika li t-topografija tal-art tbiddlet kompletament, il-hbula originali, murijin bil-vjola, m'ghadhomx jezistu w minflokk gew iffurmati hbula godda; il-passagg komuni li thalla fid-divizjoni biex jipprovdi access ghal kull porzjon fil-fatt ghadu jezisti pero minhabba l-formazzjoni tat-triq gie parzjalment mehud*" – vide fol. 71.

Illi dan l-ezercizzju jindika wkoll li zewg bicciet mill-art tal-atturi tal-kejl ta' hamsa u tletin (35) metri kwadri w mija erbgha u tletin (134) metri kwadri gew invazi billi fil-parti li tmiss ma'l-isqaq, gew iffurmati zewg accessi b'xatba f'kull access u dan mill-konvenuti; dawn il-bicciet huma mmarkati 01 u 02 u murijin bil-kulur beige fuq Dok B.

Gie rilevat li, b'referenza ghall-pjanta annessa mad-divizjoni, parti mill-porzjon A, illum propjeta tal-atturi, ittiehdet biex twessa' l-isqaq fil-konfini tat-Tramuntana, din il-parti murija bil-kulur vjola w ghandha keji ta'cirka sebghin (70) metri kwadri.

Jigi rilevat ukoll li, meta saret scan digitali tal-pjanta tal-qasma annessa mal-kuntratt ta'divizjoni, instab li l-Porzjon A, illum tal-atturi kellu kejl ta' elf, u hamsa u sittin (1,065) metri kwadri waqt li Porzjon B, illum tal-konvenuti keflu kejl ta' tmien mija tlieta u sebghin (873) metri kwadri meta fil-qasma suppost kellhom ikunu ta'kejl ugwali ta' disa' mija sitta u tletin punt sitta (936.6) metri kwadri kull porzjon.

Illi l-periti prezentaw Dok C li hi pjanta rizultanti minn sovvraposizzjoni tal-qasma hekk korretta fuq is-*survey* maghmula ghal din il-kawza u s-*survey sheet* ufficjali; din il-pjanta tirrifletti korrettement il-konfini tal-porzjonijiet A appartenenti lill-atturi murija bil-kulur blu skur, u B appartententi lill-konvenuti murija bil-kulur ahdar, u dan in konformita ma'l-att ta'divizjoni.

Illi l-Qorti rat u ezaminat id-domandi in eskussjoni proposti mill-attur, a fol. 129 u r-risposti ghalihom mill-Perit a fol. 135, id-domandi in eskussjoni proposti mill-konvenuti a fol. 131 u r-risposti tal-Perit li jinstabu a fol. 132 u 133, liema risposti jitfghu dawl jew jamplifikaw minghajr ma jbiddlu l-konkluzzjonijiet tal-Periti Tekniki.

Illi l-Qorti rat u ezaminat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Caruana u tgharaf illi l-kawza odjerna si tratta ta' talba tal-atturi ghad-dikjarazzjoni, illi l-art indikata bl-ahmar fil-pjanta Dok. B a fol. 8 kienet proprjeta' tar-rikorrenti u ghal dikjarazzjoni illi l-intimati invadew illegalment u okkupaw parti tal-art proprjeta' tal-atturi, u ghal zgumbrament ta' dik il-parti tal-proprjeta' illegalment assorbita. Il-Qorti tgharaf illi l-azzjoni principali hija dik ta' *actio rei vendicatoria*, sikkome li t-tielet talba u cioe' biex tistabilixxi l-linja divorja bejn il-proprjetajiet tal-partijiet, tidher li hija wahda illi giet imhollija fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Illi di piu' l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma fis-sens illi z-zewg azzjonijiet ma jistghux jigu proposti f'azzjoni unika.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti ta' Ghawdex fl-ismijiet **Luigi Sultana et vs Emanuel Cremona et** , deciza **fil-21 ta' Gunju 2013** illi fiha inghata insenjament dwar elementi kostitutivi ta' *actio finum regundorum* u *actio rei vendicatoria*. Dik il-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza hawn taht indikata:

> ***"Illi hekk kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Maria Dolores Debono et vs Joseph Grech et (PA 28/04/2003) l-actio finium regundorum tiddistingwi ruhha mill-actio reivindicatoria***

*inkwantu fejn din ta' l-ahhar tippresuponi kontestazzjoni dwar id-dominju jew titolu tal-proprjeta', dik tar- regolamentazzjoni tal-konfini hi mahsuba biex tirrizolvi kwistjonijiet dwar l-estensjoni tad-dritt fuq il-proprjeta'. L-azzjoni in diskussjoni ghalhekk ittendi biex telimina l-incertezzi tad-demarkazzjoni bejn zewg fondi u taghmel is- sitwazzjoni ta' fatt kompatibbli ghal dik tad-dritt. Fi kliem iehor ghandha bhala skop u finalita' taghha d-determinazzjoni oggettiva tal-fond u l-accertament ta' l-estensjoni tad-dritt. Din l-azzjoni tista' titressaq biss fejn zewg proprjetajiet ta' sidien differenti jkunu jmissu ma' xulxin u fejn hemm dubju dwar fejn tibda l-wahda u tintemm l-ohra.*

*Illi referenza ssir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet Tamarac Limited, Vitrex Limited et v. County Leatherware Ltd (App Civ 19/01/2010) fejn l- Onorabbli Qorti tal-Appell ri-affermat li "l'azione di regolamento di confini presuppone l'incertezza del confine tra due fondi. I rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati; cio` che e` incerto e che l'azione tende ad accertare e l'estensione della proprieta contingue e, quindi, il confine L Questa azione ha la natura di una rivendica parziale e presenta alcune particolarita`: ciascuno delle parti e`, al tempo stesso, attore e convenuto." (Torrente Diritto Privato pag 307 ).*

*Illi fl-istess decizjoni nghad li f'kazi bhal dawn "non e` ammissibile questa azione nel caso che qualunque sappia precisamente i propri confini, e sostenga che il vicino li abbia oltrepassati; poiche` in tal caso ha luogo l'azione rivendicatoria.' Hainberger, Diritto Romano Privato Puro, para 588; Laurent VI. VII pag. 373 para 419; Baudry Lacantinerie Dei*

*Beni, pag 566 para 910, kwotati fissentenza F. Debattista v. A. Grech 23/4/51).”*

*Illi gie ritenut ukoll li l-actio finium regundorum hi azzjoni li tista’ tigi tentata b’success fil-kazijiet fejn hemm xi dubju dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra. Fis-sentenza Victor Mangion et v. Raphael Aquilina et (PA 09/03/2005) giet citata ssentenza fl-ismijiet Albert Mizzi nomine v. Rita Azzopardi et (App Civ 27/03/1996) fejn inghad li “f’din l-azzjoni reali u petitorja ma humiex id-drittijiet rispettivi tal-proprjeta` li jitqeghdu in diskussjoni imma l-iskop tal- azzjoni hu dak li jtendi unikament biex tigi eliminata l-incertezza dwar iddemarkazzjoni bejn zewg fondi, u b’hekk is-sitwazzjoni ta’ fatt tigi adegwata ghal dik ta’ dritt.”*

*Illi inoltre’ fl-istess sentenza Mangion et vs Aquilina et intqal li tajjeb li jigi precizat illi tali azzjoni ma titlifx in-natura rikonjittiva taghha lanqas fil-kaz li l- eliminazzjoni tal-incertezza ggib maghha l-obbligu tar-rilaxx ta’ dik il-porzjoni indebitament posseduta. Ghalhekk talba f’dan is-sens, kif hekk del resto inhu l-kaz hawnhekk mill-kontenut tat-tielet talba, hi proponibbli in kwantu hi l- konsegwenza ta’ l-istanza tar-regolamentazzjoni tal-konfini.*

*Illi fis-sentenza fl-ismijiet Ignatius Debono et vs Pauline Debono et (App Civ 28/04/2006), l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkwotat mid-decizjoni fuq citata Mangion et vs Aquilina et :*

> ***"Mill-istess natura ta' azzjoni bhal din, iz-zewg kontendenti huma bla dubju gravati bil-prova li jiddemostraw l-estensjoni tal-fond rispettiv taghhom. Hawnhekk ma japplikax il-principju 'actore non probante, reus absolvitur' in kwantu stante l-karattru 'vindicatio duplex incertae partis', il-konfini jrid jigi determinat in relazzjoni ghal dawk l-elementi probatorji li jkunu attendibbli. M'hemmx dubju li dawn l-elementi jistghu jigu suppliti b'kull mezz ta' kull speci maghruf mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. B'danakollu f'kazijiet ta' din in-natura hemm certi elementi li jistghu jitqiesu decisivi. Hekk, per ezempju, wiehed ma jistax jipprexxindi ruhu mill-ezami tat-titolu ta' akkwist tal-proprjetajiet rispettivi in kwantu dawn certament jikkostitwixxu l- bazi prevalenti ghar-rizoluzzjoni ta' l-incertezza. Trattandosi mbaghad minn posizzjonijiet ta' art wahda organika, jaghmel prova attendibbli l-kejl rizultanti mill-istess attijiet ta' akkwist u mill-pjanti. Dan ghaliex tali kejl huwa evidentement idoneu ghall-individwar b'certa ezattezza tal-linja ta' qasma bejn iz-zewg proprjetajiet limitrofi".*** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet "**Mary armla minn Vincent Borg; u David, Anthony u Christopher, ahwa Borg vs Michael Vella flimkien ma' martu Alexandra Vella Patrick Mifsud flimkien ma' martu Maria Dolores Mifsud"** deciza fil-**25 ta' Marzu 2014** per **Onor. Imh. Dr. M Chetcuti**.

Sikkome illi din il-Qorti tgharaf illi l-azzjoni principali proposta mill-atturi hija dik tal-*actio rei vendicatoria*, l-istess Qorti **tilqa' limitatament l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti**, u **tichad t-tielet talba attrici**.

Il-Qorti wara li ghamlet ezami akkurat tar-relazzjoni tal-Periti Esperti tikkondividi ma u takkolja l-konkluzzjonijiet taghhom **limitatament** ghal dak illi jirrispekkja l-invazjoni tal-intimati fil-proprjeta' tar-rikorrenti indikata bil-kulur beige u mmarkata bin-numri 01 u 02 f'Dok. B anness mar-relazzjoni tal-Periti, liema pjanta tinstab a fol. 75.

Jirrizulta ghalhekk, mill-provi mressqin w mid-dokumenti esibiti jirrizulta li 1-atturi huma fil-fatt il-propjetarji ta-Porzjon A tal-art immarkata bl-linja miksura bil-blu f'Dok. B, maghrufa bhala Tal-Wilga fil-limiti ta'Marsaxlokk, liema pjanta hija annessa mar-relazzjoni tal-Periti w li din l-art kellu jkollha kejl ta' disa' mija sitta u tletin punt sitta (936.60) metri kwadri skond l-att ta'divizjoni hawn fuq msemmi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' l-ewwel talba attrici.**

Illi , mis-*survey* li sar u mill-pjanti esibiti waqt il-gbir tal-provi, jirrizulta li fil-fatt l-art tal-atturi giet invaza mill-intimati f'zewg postijiet kif indikat bil-kulur beige fil-pjanta Dok B, **immarkati bhala 01 u 02** liema pjanta hija annessa mar-relazzjoni tal-Periti esperti u li l-atturi m'ghandhomx access dirett ghal gol-art taghhom.

Ghaldaqstant **l-Qorti tilqa' t-tieni tieni talba attrici** u tiddikjara illi 1-partijiet invazi murijin bil-kulur beige u cioe' mmarkati 01 u 02, f'Dok. B anessa mar-relazzjoni tal-Periti, ghandhom jigu rejintegrati fil-proprjeta' tal-atturi.

Illi sikkome l-azzjoni principali hija dik ta' *actio rei vendicatoria* din il-Qorti ma tarax illi l-konkluzzjonijiet immarkati tlieta u erbgha fir-relazzjoni tal-Periti huma legalment sostenibbli fil-kaz in ezami, u dan aktar u aktar meta il-konfini bejn il-proprjeta' kienet saret permezz tas-sentenza Dok. D a fol. 22, deciza fis-27 ta' Marzu 1972.

Ghall-istess ragunijiet din **il-Qorti tichad ir-raba’ u l-hames eccezzjoni tal-konvenuti**. Di piu’ il-Qorti **tilqa’ r-raba’ talba tal-atturi** u tikundanna lill-intimati sabiex fi zmien xahrejn jizgumbraw u jilliberaw il-proprjeta’ minnhom invaza u cioe’, l-art indikata bil-kulur beige u cioe’ mmarkati 01 u 02, f’Dok. B anessa mar-relazzjoni tal-Periti, u jirrintegraw l-istess art lir-rikorrenti, fid-drittijiet ta’ proprjeta’ taghhom; Il-Qorti **tilqa’ ukoll il-hames talba** u tawtorizza lir-rikorrenti li fin-nuqqas ta’ adempjament tar-raba’ talba, a spejjez tal-intimati u taht is-supervizjoni tal-Perit Godwin Abela, jirreintegraw il-proprjeta’ taghhom u jiddemolixxu l-istrutturi indikati fl-ewwel talba.

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu kwantu ghal terz ghall-attur u zewg terzi ghal-konvenuti.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------